1 ta' Lulju, 1946

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Anthony Attard et.

## Attakk u Reżistenza — Uffiċjal Publiku — Art. 95 u 94 tal-Kodiċi Kriminali.

*Il-vjolenza li tiġi użata preċiżament bħala forma ta' reżistenza għall-adempiment ta' dmiru da parti ta' uffiċjal publiku tintegra l-element intenzjonali ta' attakk u reżistenza lil dak l-uffiċjal.*

*Huwa veru li l-uffiċjal publiku li jaġixxi arbitrarjament jisvesti ruħu mill-kwalità ta' uffiċjal publiku; imma hu veru wkoll illi hemm bżonn li l-imputat li jitlob din l-iskriminanti ma jkunx ittrasmoda f'eċċessi li ma kienux meħtieġa; u jeħtieġ ukoll illi l-pretiża arbitrarjetà ta' l-uffiċjal publiku tkun tat lok għall-vjolenza.*

*Imma biex tkun applikabili d-dispożizzjoni tal-liġi li tikkontempla r-reat ta' attakk u reżistenza kommess minn tliet persuni jew iżjed, hemm bżonn li l-att tat-tielet persuna, jew tal-persuni l-oħrajn, ikun "volut" fis-sens tal-liġi mit-tnejn l-oħra. Jekk tnejn min-nies li jaħbtu għal uffiċjal publiku b'operat reċiproku "volut" ma jkunux urew li riedu, qabel jew wara l-fatt, il-ko-operazzjoni ta' persuni oħra, huma ma għandhomx ibatu l-konsegwenzi tal-parteċipazzjoni ta' dawk il-persuni l-oħra; u għalhekk għalihom hija applikabili l-liġi li tikkontempla l-attakk u reżistenza kommess minn persuna waħda jew tnejn, li ġġib piena anqas.*

B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-25 ta' Mejju 1946 iż-żewġ imputati nstabu ħatjin talli, flimkien ma' ċertu Anthony Smith (li ġie liberat bin-nolle prosequi ta' l-Attorney Geenral tat-8 ta' Mejju 1946), fil-21 ta' Marzu 1946, għal xi s-7.50 p.m., ħabtu għall-Ispettur tal-Labour Anthony Portelli, persuna inkarikata minn servizz publiku, waqt li dan kien qiegħed jaqdi dmiru skond il-liġi, u għamlulu offiża ta' natura ħafifa, u ġew kundannati, An-

thony Attard għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien sena, u Arthur Smith għall-piena tal-priġunerija għal żmien ftit xhur;

Fuq l-appell taż-żewġ kundannati, din il-Qorti............, ikkunsidrat;

Illi mill-eżami tal-provi ma hemmx lok għal ebda dubju illi ż-żewġ imputati attakkaw bi vjolenza lil Anthony Portelli........... Il-fattezzi tal-każ huma tali li jinkwadraw ruħhom fil-fattispeċje kriminuża kontemplata fl-art. 95 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 12, u mhux, kif trid issostni d-difiża, fl-art. 94; għaliex il-vjolenza ġiet użata preċiżament bħala forma ta' reżistenza għall-adempiment minn Portelli ta' dmiru bħala Labour Inspector, u b'hekk ġie ntegrat l-element intenzjonali ta' dan ir-reat;

Id-difiża ġiebet ukoll 'il quddiem id-deduzzjoni illi Portelli aġixxa arbitrarjament, u għalhekk svesta ruħu mill-kwalità tiegħu publika, u konsegwentement ma hemmx ir-reat in kwistjoni;

Issa mill-provi deher illi Portelli, wara li kien ħiereġ, dar lura lejn Attard, u qabdu mill-qmis........... Skond ix-xhud Micallef, Portelli, fil-waqt li qabad lill-imputat Attard mill-qmis qallu: "Jekk trid tara kontx qiegħed inħares lejk ikreh, issa tkun taf". Hu veru wkoll illi dottrinalment, it-teorija ta' l-ubbidjenza passiva quddiem l-għemil abużiv u prepotenti ta' uffiċjal publiku, hi respinta. Imma biex imputat f'każ simili (anki jekk, salvi kwistjonijiet oħra estranei għal dan il-meritu, tiġi segwita d-dottrina) jista' jitlob l-iskriminanti, hemm bżonn illi hu "ma jkunx ittrasmoda f'eċċessi li ma kienux jinħtieġu", u hemm bżonn ukoll illi l-"pretiża arbitrarjetà ta' l-uffiċjal publiku tkun tat kawża għall-vjolenza". Issa, f'dan il-każ, irriżulta illi Portelli resaq fuq l-imputat Attard "wara" li dan kien diġà rrifjuta li jaderixxi għar-rikjesta ta' Portelli biex jagħtih il-konnotati tiegħu, u "wara" li dan l-imputat kien diġà assuma atteġġjament minaċċjuż u aggressiv; u rriżulta wkoll illi l-istess imputat ittrasmoda f'eċċessi ta' vjolenza li ma kienu xejn meħtieġa fiċ-ċirkustanzi tal-każ. Għalhekk id-deduzzjoni tad-difiża ma hix sostenibili;

Hemm però pont wieħed li dwaru hi ċensurabili s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti għar-rigward taż-żewġ appellanti. Il-

*Qorti ta' Isfel* applikat il-paragrafu (b) ta' l-art. 95, li jikkontempla l-każ ta' meta l-attakk jew ir-reżistenza ssir minn "tlieta *minn nies* jew aktar". It-tielet wieħed f'dan il-każ suppost li kien Anthony Smith. Dan ġie liberat bin-nolle prosequi ta' l-Attorney General. Din il-liberazzjoni ma tfissirx neċessarjament li dan Anthony Smith ma ħax parti fl-attakk, għaliex setgħet kienet bażata fuq raġunijiet diversi, u konsunkwe tħalli lill-persuna liberata soġġetta għal proċeduri mill-ġdid (art. 446). Imma, apparti n-nolle prosequi, li l-Qorti ma ħix qiegħda tqis għall-finijiet ta' dan il-pont minnha issa kunsidrat, ma jidherx illi l-għemil ta' dan it-tifel ta' għaxar snin kien *tali li* l-Qorti tista' tirritjeni li hu kien qiegħed jieħu parti f'reat ta' attakk u reżistenza. Veru hu li rriżulta li dan it-tifel, waqt li Portelli kien qiegħed jiġi aggredit miż-żewġ appellanti, xeħetlu xi tazzi; imma mill-kumpless taċ-ċirkustanzi........... jidher illi l-għemil ta' dan it-tifel kien att iżolat tiegħu, mhux "volut", fis-sens tal-liġi, miż-żewġ appellanti, li għalhekk ma għandhomx jiġu aggravati bih. Jekk waqt li huma t-tnejn, li kellhom il-kwistjoni ma' Portelli, u li ħabtu għalih b'operat reċiproku "volut", dan it-tifel fettillu jwaddab tazza jew tnejn lil Portelli, bla ma ż-żewġ appellanti kienu b'xi mod urew li riedu li t-tifel jagħmel hemm, qabel jew anki waqt il-fatt, huma ma għandhomx isibu l-pożizzjoni tagħhom peġġjorata bl-għemil ta' ħadd ieħor, mhux "volut" minnhom, anki jekk materjalment dan l-għemil kien kontemporaneu u kien għad-dannu ta' l-istess suġġett passiv tar-reat. Għalhekk hu applikabili mhux il-paragrafu (b), imma l-paragrafu (a) ta' l-art. 95, li jikkontempla attakk jew reżistenza minn persuna waħda jew tnejn, u li jġib piena anqas;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi ssib iż-żewġ appellanti ħatjin ta' attakk u reżistenza bi vjolenza kontra persuna inkarikata skond il-liġi minn servizz publiku, waqt li kienet taqdi dmirha—kommess dan l-attakk u reżistenza minn tnejn min-nies; u tbiddel il-piena fis-sens li Attard hu kundannat għall-piena tal-priġunerija għal żmien sitt xhur, u Smith għall-priġunerija għal żmien xahrejn, li għandha tiġi (fil-każ ta 'dan Smith) skuntata fl-Approved School;

F'dan is-sens tipprovvedi fuq l-appell.